IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 28.9.2012
COM(2012) 561 final

2011/0225 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi sistema Komunitarja għar-reġistrazzjoni tat-trasportaturi ta' materjali radjuattivi

{SEC(2011) 1005 final}
{SEC(2011) 1006 final}

MT

MT

# MEMORANDAM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. ĠUSTIFIKAZZJONI U GĦAN

Fil-livell Ewropew, it-trasportaturi ta' materjali radjuattivi huma koperti mil-leġiżlazzjoni tat-trasport taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-leġiżlazzjoni dwar l-aspetti speċifiċi għar-radjazzjoni inkluża l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom).

Il-leġiżlazzjoni tat-TFUE ġiet issimplifikata bid-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi bil-kombinazzjoni tal-modi kollha tat-trasport intern.

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti. Skont l-Artikolu 30 tat-Trattat, dawn l-istandards bażiċi jfissru:

- dożi massimi permissibbli kompatibbli ma' sikurezza adegwata;
- livelli massimi permissibbli ta' esponiment u kontaminazzjoni;
- il-prinċipji fundamentali li jirregolaw is-sorveljanza tas-saħħa tal-ħaddiema.

Skont l-Artikolu 33, l-Istati Membri, għandhom jistabbilixxu dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiżguraw il-konformità mal-istandards bażiċi.

Għall-finijiet ta' protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali u sabiex il-ħidma tagħhom tkun iffukata aħjar, jinħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jafu liema huma dawk il-persuni, l-organizzazzjonijiet jew l-impriżi li jridu jikkontrollaw. Għal dan il-għan, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 tad-Direttiva jesiġu li l-Istati Membri jissottomettu ċerti prattiki li jinvolvu periklu minn radjazzjoni jonizzanti lil sistema ta' rapportar (notifika) u awtorizzazzjoni minn qabel jew li jipprojbixxu ċerti prattiki.

Id-Direttiva 96/29/Euratom tapplika għall-prattiki kollha li jinvolvu riskju minn radjazzjoni jonizzanti li tkun ġejja minn sors artifiċjali jew minn sors ta' radjazzjoni naturali, inkluż it-trasport.

Fid-dawl tan-natura transfruntiera frekwenti tal-operazzjonijiet tat-trasport, trasportatur jista' jkollu jikkonforma ma' proċeduri ta' rapportar u awtorizzazzjoni f'bosta Stati Membri. Minbarra dan, l-Istati Membri implimentaw dawn il-proċeduri b'modi differenti, biex b'hekk żiedu l-kumplessità ta' operazzjonijiet tat-trasport.

Is-sostituzzjoni ta' dawn il-proċeduri nazzjonali ta' rapportar u awtorizzazzjoni b'sistema ta' reġistrazzjoni unika għat-twettiq tat-trasport se tikkontribwixxi għaldaqstant għas-simplifikazzjoni tal-proċedura, għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u għat-tneħħija ta' ostakli għad-dħul, filwaqt li jinżammu l-livelli għoljin ta' protezzjoni mir-radjazzjoni .

Dan ir-Regolament jissostitwixxi s-sistemi ta' rapportar u awtorizzazzjoni fl-Istati Membri għall-fini ta' implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom b'reġistrazzjoni unika. Ir-Regolament jistabbilixxi Sistema Ewropea għar-Reġistrazzjoni tat-Trasportaturi. It-

trasportaturi għandhom japplikaw permezz ta' interfaċċja onlajn ċentrali. Dawn l-applikazzjonijiet se jiġu eżaminati mill-awtorità kompetenti nazzjonali rispettiva, li se toħroġ ir-reġistrazzjoni jekk l-applikant jissodisfa l-istandards bażiċi tas-sikurezza. Fl-istess ħin, is-sistema tippermetti li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom stampa ġenerali aħjar tat-trasportaturi li huma attivi f'pajjiżhom.

Ir-Regolament jadotta approċċ gradat billi jeżenta trasportaturi li jittrasportaw esklużivament "pakketti ta' eċċezzjoni" mill-ħtieġa ta' reġistrazzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament iħalli f'idejn l-Istati Membri sabiex iżidu rekwiżiti ta' reġistrazzjoni addizzjonali għal trasportaturi ta' materjali fissili u dawk b'radjuattività għolja.

Il-Liġi Komunitarja u r-regoli internazzjonali l-oħra rigward il-protezzjoni fiżika, is-salvagwardji, u r-responsabbiltà ta' terzi persuni jibqgħu japplikaw. Dan hu minnu, b'mod partikolari, għad-Direttiva 2008/68/KE.

## 2. BAŻI LEGALI

Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jirrelataw mal-istandards bażiċi tas-sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali. Konsegwentement, il-bażi legali hija l-Kapitolu 3 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 u l-Artikolu 32 tiegħu.

## 3. SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

Kif rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-ġurisprudenza tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3 tat-Trattat Euratom dwar is-saħħa u s-sikurezza, jiffurmaw sett sħiħ u koerenti li jagħti lill-Kummissjoni setgħat ta' ambitu konsiderevoli biex il-popolazzjoni u l-ambjent jiġu protetti mir-riskji tal-kontaminazzjoni nukleari[1].

Abbażi tas-sentenza tal-Qorti fil-Kawża C-29/99, l-istandards bażiċi ta' sikurezza eżistenti, li huma primarjament immirati għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali mill-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjonijiet jonizzanti, jistgħu jiġu "supplimentati". Ir-Regolament propost jissupplimenta l-istandards bażiċi tas-sikurezza previsti fl-Artikolu 30 tat-Trattat Euratom, li ġew riveduti bosta drabi minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat u aktar riċentament fit-13 ta' Mejju 1996 (Id-Direttiva 96/29 Euratom)[2].

Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Diċembru 2002 fil-Kawża C-29/99, il-Qorti kienet favur interpretazzjoni wiesgħa tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/29/Euratom, fejn stqarret li "mhuwiex xieraq, sabiex jiġu ddefiniti l-kompentenzi tal-Komunità, li ssir distinzjoni artifiċjali bejn il-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali u s-sikurezza tas-sorsi ta' radjazzjoni jonizzanti". Il-Qorti tirrikonoxxi li taħt l-Artikoli 30 sa 32 tat-Trattat Euratom, il-Komunità għandha, b'mod estensiv, "kompetenza leġiżlattiva li tistabbilixxi, għall-fini ta' protezzjoni tas-saħħa, sistema relatata ta' awtorizzazzjoni li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri. Tali att leġiżlattiv jikkostitwixxi miżura li tissupplimenta l-istandards bażiċi msemmija f'dak l-artikolu". Billi r-Regolament propost huwa kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/29/Euratom, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax

1 C-187/87 (1988 Ġabra p. 5013) u C-29/99 (2002 Ġabra p. I-11221)
2 ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

minħabba n-natura esklużiva tas-setgħat leġiżlattivi tal-Komunità skont il-Kapitolu 3 tat-Trattat Euratom.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-iżvilupp tas-sistema ta' reġistrazzjoni, li l-websajt tagħha se tinkludi wkoll ħoloq għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, se tiswa madwar EUR 1 miljun f'approprjazzjonijiet operazzjonali segwiti minn spejjeż annwali ta' tħaddim ta' EUR 0.18 miljun. Sabiex jiġi sorveljat il-proċess ta' żvilupp, ikunu meħtieġa riżorsi umani eżistenti li jiswew EUR 0.7 miljun segwiti minn assistenza li tiswa EUR 0.1 miljun fis-sena.

Għall-finijiet tal-Kumitat Konsultattiv stabbilit skont dan ir-Regolament, l-ebda implikazzjoni baġitarja addizzjonali ma tkun imġarrba jekk l-Istati Membri jiftiehmu li jagħmlu użu mill-Grupp ta' Ħidma Permanenti eżistenti dwar it-trasport sikur tal-materjali radjuattivi. Il-finanzjament biex ikopri l-laqgħat tal-Kumitat (inqas minn EUR 30 000 fis-sena) ikun ipprovdut mir-riallokazzjoni tar-riżorsi eżistenti. Mhi se tkun imġarrba l-ebda spiża addizzjonali barra l-allokazzjoni prevista fl-intestatura tal-baġit.

Filwaqt li r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta jirreferi għal websajt mhux obbligatorju b'informazzjoni addizzjonali dwar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, paġna waħda biss bl-informazzjoni bażika għandha ssir parti mis-sistema ta' reġistrazzjoni sabiex ma tiġġarrab l-ebda spiża addizzjonali.

2011/0225 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi sistema Komunitarja għar-reġistrazzjoni tat-trasportaturi ta' materjali radjuattivi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 31 u l-Artikolu 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni, imfassla wara li kisbet l-opinjoni ta' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) L-Artikolu 33 tat-Trattat jesiġi li l-Istati Membri jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet xierqa sabiex jiżguraw il-konformità mal-istandards bażiċi tas-sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali minn perikli li jirriżultaw minn radjazzjoni jonizzanti.

(2) L-istandards bażiċi ta' sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali minn perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti huma stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996[5]. Dik id-Direttiva tapplika għall-prattiki kollha li jinvolvu riskju ta' radjazzjoni jonizzanti li toriġina minn sors ta' radjazzjoni artifiċjali jew naturali, inkluż it-trasport.

(3) Sabiex tkun żgurata l-konformità mal-istandards bażiċi tas-sikurezza persuni, organizzazzjonijiet jew impriżi huma soġġetti għal kontroll regolatorju mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. Għal dak il-għan, id-Direttiva 96/29/Euratom tesiġi li l-Istati Membri jissottomettu ċerti prattiki li jinvolvu periklu minn radjazzjoni jonizzanti għal sistema ta' rapportar u awtorizzazzjoni minn qabel jew li jipprojbixxu ċerti prattiki.

(4) Peress li t-trasport huwa l-unika prattika ta' natura transfruntiera frekwenti, it-trasportaturi ta' materjali radjuattivi jistgħu jkunu meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti relatati mas-sistemi ta' rapportar u awtorizzazzjoni f'diversi Stati Membri. Dan ir-Regolament jissostitwixxi dawk is-sistemi ta' rapportar u awtorizzazzjoni fl-

[3] ĠU C 143, 22.5.2012, p. 110.
[4] ĠU , , , p. .
[5] ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1.

Istati Membri b'sistema ta' reġistrazzjoni unika valida fil-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika kollha (minn hawn il-quddiem "il-Komunità").

(5) Għat-trasportaturi bl-ajru u bil-baħar, diġà jeżistu tali sistemi ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili[6] jistabbilixxi li t-trasportaturi tal-ajru jeħtieġu ċertifikat ta' operatur tal-ajru speċifiku għat-trasportazzjoni ta' oġġetti perikolużi. Għat-trasport bil-baħar, id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità[7]. Iċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili u s-sistema ta' rapportar għal bastimenti marittimi huma meqjusa bħala li jimplimentaw b'mod sodisfaċenti r-rekwiżiti ta' rapportar u awtorizzazzjoni tad-Direttiva 96/29/Euratom. Għaldaqstant, ir-reġistrazzjoni ta' trasportaturi bl-ajru u bil-baħar taħt dan ir-Regolament mhijiex neċessarja biex tippermetti lill-Istati Membri jiżguraw il-konformità mal-istandards bażiċi tas-sikurezza f'dawn il-modi ta' trasport.

(6) Trasportaturi ta' materjal radjuattiv huma soġġetti għal għadd ta' rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u tal-Euratom kif ukoll strumenti legali internazzjonali. Ir-Regolamenti tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) għat-Trasport Sikur ta' Materjal Radjuattiv (TS-R-1) u r-Regolamenti Modali għat-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi jibqgħu japplikaw direttament jew jiġu implimentati mill-Istati Membri taħt id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi[8] għat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u fl-ilmijiet navigabbli interni. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma, madankollu, mingħajr ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra fl-oqsma tas-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali u l-protezzjoni ambjentali.

(7) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*
*Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema Komunitarja għar-reġistrazzjoni ta' trasportaturi ta' materjali radjuattivi li tiffaċilita l-kompitu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-istandards bażiċi tas-sikurezza għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali minn perikli li joriġinaw minn radjazzjonijiet jonizzanti stabbiliti fid-Direttiva 96/29/Euratom qed jiġu osservati.

6 ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.
7 ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10.
8 ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13.

(2) Dan ir-Regolament għandu japplika għal kwalunkwe trasportatur li jittrasporta materjali radjuattivi fi ħdan il-Komunità, minn pajjiżi terzi għall-Komunità u mill-Komunità għal pajjiżi terzi. Dan ma għandux japplika għal trasportaturi li jittrasportaw materjali radjuattivi bl-ajru u bil-baħar.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament

(a) "trasportatur" tfisser kwalunkwe persuna, organizzazzjoni jew impriża pubblika li twettaq il-ġarr ta' materjal radjuattiv permezz ta' kwalunkwe mezz ta' trasport fil-Komunità. Dan jinkludi trasportaturi li joperaw f'isem ħaddieħor jew f'isimhom;

(b) "awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe awtorità deżinjata mill-Istat Membru sabiex twettaq kompiti previsti f'dan ir-Regolament;

(c) "trasport" tfisser l-operazzjonijiet kollha tat-trasport mill-post tal-oriġini għall-post tad-destinazzjoni, inklużi t-tagħbien, il-ħżin waqt it-tranżitu u l-ħatt ta' materjal radjuattiv;

(d) "materjal radjuattiv" tfisser kwalunkwe materjal li fih radjunuklidi fejn kemm il-konċentrazzjoni tal-attività kif ukoll l-attività totali fil-kunsinna jaqbżu l-valuri speċifikati fil-paragrafi 402–407 tar-Regolamenti tal-IAEA għat-Trasport Sikur ta' Materjal Radjuattiv, Rekwiżiti tas-Sikurezza Nru TS-R-1, Vjenna, 2009 ;

(e) "oġġetti perikolużi ta' konsegwenzi għoljin - materjal radjuattiv" tfisser materjal radjuattiv li għandu l-potenzjal li jintuża ħażin f'inċident terroristiku u li jista', minħabba dan, jipproduċi konsegwenzi serji bħal korrimenti tal-massa jew qerda tal-massa kif iddefinit fl-Appendiċi A.9. tas-Sensiela dwar is-Sikurezza Nukleari tal-IAEA Nru 9 "Sikurezza fit-Trasport ta' Materjal Radjuattiv", Vjenna, 2008;

(f) "pakkett ta' eċċezzjoni" tfisser kwalunkwe pakkett li fih il-kontenut radjuattiv permess ma jaqbiżx il-livelli ta' attività stabbiliti fit-Tabella V tat-Taqsima IV tar-Regolamenti tal-IAEA għat-Trasport Sikur ta' Materjal Radjuattiv, Rekwiżiti tas-Sikurezza Nru TS-R-1, Vjenna, 2009, jew wieħed minn għaxra ta' dawn il-limiti għat-trasport bil-posta u li huwa tikkettat bħala NU Nru 2908, 2909, 2910 jew 2911;

(g) "materjal fissili" tfisser uranju-233, uranju-235, plutonju-239 u plutonju-241 jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' dawn ir-radjunuklidi.

*Artikolu 3*
*Dispożizzjonjiet ġenerali*

1. It-trasportaturi ta' materjali radjuattivi għandu jkollhom reġistrazzjoni valida miksuba skont l-Artikolu 5. Ir-reġistrazzjoni għandha tippermetti li trasportatur iwettaq it-trasport mal-Unjoni kollha kemm hi.

2. Operazzjonijiet individwali tat-trasport għandhom ikunu akkumpanjati minn kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tat-trasportatur jew mil-liċenzja jew ir-reġistrazzjoni miksuba skont il-proċedura nazzjonali applikabbli fil-każ tat-trasport imsemmi fil-paragrafu 3.

3. Detentur ta' liċenzji jew reġistrazzjonijiet validi maħruġa skont id-Direttiva 96/29/Euratom għall-immaniġġar ta' materjal radjuattiv jew għall-użu ta'

tagħmir li fih materjal jew sorsi radjuattivi jista' jittrasporta dawn il-materjali jew sorsi mingħajr ir-reġistrazzjoni taħt dan ir-Regolament jekk it-trasportazzjoni hija inkluża fil-liċenzji jew ir-reġistrazzjonijiet għall-Istati Membri kollha fejn isir it-trasport.

4. Rekwiżiti ta' rapportar u awtorizzazzjoni nazzjonali li huma addizzjonali għar-rekwiżiti stabbiliti b'dan ir-Regolament jistgħu japplikaw biss għat-trasportaturi tal-materjali li ġejjin:

(a) materjal fissili, minbarra uranju naturali jew uranju mfaqqar li ġie rradjat f'reattur termali biss;

(b) oġġetti perikolużi ta' konsegwenzi għoljin - materjal radjuattiv.

5. Mhijiex se tkun meħtieġa reġistrazzjoni għat-trasportaturi li jittrasportaw esklużivament pakketti ta' eċċezzjoni.

*Artikolu 4*
*Sistema Elettronika għar-Reġistrazzjoni tat-Trasportaturi (ESCReg)*

1. Sistema Elettronika għar-Reġistrazzjoni tat-Trasportaturi (ESCReg) għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni, li tkun responsabbli wkoll għall-manutenzjoni tagħha, għas-superviżjoni u l-kontroll tat-trasport ta' materjal radjuattiv. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fis-sistema, l-ispeċifikazzjonijiet u r-rekwiżiti tekniċi għall-ESCReg.

2. L-ESCReg għandha tagħti aċċess ristrett u sikur lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, lil trasportaturi rreġistrati u lil applikanti, soġġett għad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-protezzjoni ta' dejta personali, kif stabbilit bid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9]. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għad-dejta kollha disponibbli.

3. Il-Kummissjoni ma għandhiex tkun responsabbli għall-kontenut u l-eżattezza ta' informazzjoni sottomessa permezz tal-ESCReg.

*Artikolu 5*
*Proċedura ta' reġistrazzjoni*

1. Trasportatur għandu japplika għar-reġistrazzjoni permezz tal-ESCReg.

It-trasportatur applikant għandu jissottometti l-formola tal-applikazzjoni elettronika mimlija stabbilita fl-Anness I.

2. Mal-mili u s-sottomssjoni tal-formola tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jirċievi konferma awtomatika li l-applikazzjoni tkun waslet, flimkien man-numru tal-applikazzjoni.

[9] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

3. Jekk l-applikant ikun stabbilit fi Stat Membru wieħed jew aktar, l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-uffiċċju prinċipali tal-applikant.

Jekk l-applikant ikun stabbilit f'pajjiż terz, l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn it-trasportatur biħsiebu jidħol għall-ewwel darba fit-territorju tal-Unjoni.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li toħroġ l-ewwel ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur għandha toħroġ ukoll iċ-ċertifikat l-ġdid f'każ ta' modifika tad-dejta skont l-Artikolu 6.

4. Fi żmien tmien ġimgħat mill-ħruġ tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur jekk tqis li l-informazzjoni sottomessa hija kompluta u f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-Direttiva 96/29/Euratom u d-Direttiva 2008/68/KE.

5. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur għandu jinkludi l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II u għandu jinħareġ fil-forma ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni standardizzat permezz tal-ESCReg.

Kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur għandha tiġi pprovduta awtomatikament permezz tal-ESCReg lill-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri fejn it-trasportatur biħsiebu jopera.

6. Jekk l-awtorità kompetenti tirrifjuta li toħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur abbażi tal-fatt li l-applikazzjoni ma tkunx kompluta jew ma tkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli, għandha twieġeb lill-applikant bil-miktub fi żmien tmien ġimgħat minn meta tkun ħarġet il-konferma tal-wasla. Qabel tali ċaħda, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-applikant jikkoreġi jew jissupplimenta l-applikazzjoni fi żmien tliet ġimgħat mill-wasla ta' din it-talba. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi dikjarazzjoni tar-raġunijiet taċ-ċaħda.

Kopja taċ-ċaħda u dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandhom jiġu pprovduti awtomatikament permezz tal-ESCReg lill-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri fejn it-trasportatur biħsiebu jopera.

7. Jekk it-talba għal ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur tiġi rrifjutata, l-applikant jista' jappella skont ir-rekwiżiti legali nazzjonali applikabbli.

8. Ċertifikat validu ta' reġistrazzjoni għandu jiġi rikonoxxut mill-Istati Membri kollha.

9. Iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' trasportatur għandu jkun validu għal perjodu ta' ħames snin u jista' jiġġedded wara applikazzjoni mit-trasportatur.

*Artikolu 6*
*Modifika tad-dejta*

1. It-trasportatur għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-eżattezza kontinwa tad-dejta pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Komunitarja tat-trasportatur sottomessa lill-ESCReg.

2. It-trasportatur għandu japplika għal ċertifikat ġdid fil-każ ta’ modifika tad-dejta inkluża fil-parti A tal-formola tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Komunitarja tat-trasportatur.

*Artikolu 7*
*Assigurazzjoni tal-konformità*

1. Jekk trasportatur ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun ġie skopert in-nuqqas ta' konformità għandha tapplika l-miżuri ta’ infurzar fi ħdan il-qafas legali ta’ dak l-Istat Membru, bħal notifiki bil-miktub, miżuri ta’ taħriġ u edukazzjoni, sospensjoni, revoka jew modifika tar-reġistrazzjoni jew prosekuzzjoni, skont kemm ikun sinifikanti mil-lat ta' sikurezza n-nuqqas ta' konformità u r-rekord tal-konformità tat-trasportatur.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ġie skopert in-nuqqas ta' konformità għandha tikkomunika lit-trasportatur u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn it-trasportatur kien biħsiebu jittrasporta materjali radjuattivi, informazzjoni dwar azzjoni ta' infurzar applikata u dikjarazzjoni tar-raġunijiet għall-applikazzjoni ta' dik l-azzjoni. Jekk it-trasportatur ma jikkonformax mal-azzjoni ta’ infurzar applikata skont il-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-uffiċċju prinċipali tat-trasportatur jew, jekk it-trasportatur ikun stabbilit f’pajjiż terz, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, fejn it-trasportatur kellu l-ħsieb li jidħol għall-ewwel darba fit-territorju tal-Komunità għandha tirrevoka r-reġistrazzjoni.

3. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika lit-trasportatur u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra konċernati r-revoka flimkien ma’ dikjarazzjoni tar-raġunijiet.

*Artikolu 8*
*Awtoritajiet kompetenti u punt tal-kuntatt nazzjonali*

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw awtorità kompetenti u punt tal-kuntatt nazzjonali għat-trasport ta’ materjali radjuattivi.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament l-isem/ismijiet, l-indirizz(i) u l-informazzjoni kollha neċessarja għal komunikazzjoni rapida mal-awtoritajiet kompetenti u mal-punt tal-kuntatt nazzjonali għat-trasport ta’ materjali radjuattivi, kif ukoll kwalunkwe bidla sussegwenti tat-tali dejta.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni u kwalunkwe bidla fiha lill-awtoritajiet kompetenti kollha fil-Komunità permezz tal-ESCReg.

2. L-informazzjoni dwar ir-regoli nazzjonali għall-protezzjoni mir-radjazzjoni applikabbli għat-trasport ta' materjali radjuattivi għandha tkun faċilment aċċessibbli permezz tal-punti ta' kuntatt.

3. Mat-talba tat-trasportaturi, il-punti ta’ kuntatt u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv għandhom jipprovdu l-informazzjoni kompleta dwar ir-rekwiżiti għat-trasport tal-materjali radjuattivi fuq it-territorju ta' dak l-Istat Membru.

L-informazzjoni għandha tkun faċilment aċċessibbli mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi u għandha tinżamm aġġornata.

Il-punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispondu mill-aktar fis possibbli għal kwalunkwe talba ghall-informazzjoni u f'każijiet fejn it-talba tkun difettuża jew mhux ġustifikata, għandhom jinfurmaw lill-applikant kif xieraq mingħajr dewmien.

*Artikolu 9*
*Kooperazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti*

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw bil-għan li jiġu armonizzati r-rekwiżiti tagħhom għall-ħruġ ta' reġistrazzjoni u biex jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar armonizzati ta' dan ir-Regolament.

Fejn hemm diversi awtoritajiet kompetenti fi ħdan Stat Membru, dawn għandhom jikkollaboraw u jikkooperaw mill-qrib abbażi ta' ftehimiet legali jew formali bejniethom billi jkopru r-responsabbiltajiet ta' kull awtorità. Dawn għandhom jikkomunikaw ma' xulxin u jipprovdu informazzjoni lil xulxin, lill-punt tal-kuntatt nazzjonali, u lill-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi oħra li għandhom responsabbiltajiet relatati.

*Artikolu 10*
*Implimentazzjoni*

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu s-Sistema Elettronika għar-Reġistrazzjoni tat-Trasportaturi (ESCreg) deskritta fl-Artikolu 4.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 11.

*Artikolu 11*
*Kumitat Konsultattiv*

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[10].

Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Il-kumitat għandu jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħha previsti f'dan ir-Regolament.

Il-kumitat għandu jkun magħmul minn esperti nnominati mill-Istati Membri u esperti nnominati mill-Kummissjoni u għandu jkun ippresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni.

---

[10] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

*Artikolu 12*
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# ANNESS

## ANNESS I
## FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI GĦAR-REĠISTRAZZJONI KOMUNITARJA TAT-TRASPORTURI

**JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT DIN L-APPLIKAZZJONI BILLI TUŻA BISS IS-SISTEMA ELETTRONIKA SIGURA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦAR-REĠISTRAZZJONI TAT-TRASPORTATURI (ESCReg)**

**JEKK IKUN HEMM XI TIBDIL FL-INFORMAZZJONI FIL-PARTI A, GĦANDHA TINTALAB REĠISTRAZZJONI ĠDIDA** It-trasportatur huwa responsabbli biex jiżgura li d-dejta pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni Komunitarja ta' trasportatur imressqa permezz ta' din is-sistema tibqa' eżatta.

L-informazzjoni pprovduta f'din il-formola tal-applikazzjoni se tiġi pproċessata mill-Kummissjoni Ewropea f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

ĊERTIFIKAT ĠDID TA' REĠISTRAZZJONI

MODIFIKA TA' REĠISTRAZZJONI EŻISTENTI

TIĠDID TA' REĠISTRAZZJONI EŻISTENTI

Numru/i taċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni:

Jekk jogħġbok agħti dettalji għalfejn qed tintalab bidla f'reġistrazzjoni eżistenti

1. IDENTIFIKAZZJONI TAL-APPLIKANT:

| **PARTI A** | **PARTI B** |
|---|---|
| **ISEM IL-KUMPANIJA:**<br><br>**INDIRIZZ SĦIĦ:**<br><br>**NUMRU TAR-REĠISTRAZZJONI NAZZJONALI:** | 1. Isem, pożizzjoni, indirizz sħiħ, numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika tar-rappreżentant responsabbli tal-organizzazzjoni tat-trasportatur (persuna mogħtija s-setgħa li tikkommetti lill-organizzazzjoni tat-trasportatur):<br><br>2. Isem, pożizzjoni, indirizz sħiħ, numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika tal-persuna tal-kuntatt għall-awtoritajiet dwar kwistjonijiet tekniċi/amministrattivi (li hija responsabbli għall-konformità mar-regolamenti għall-attivitajiet mobilizzati mill-kumpanija tat-trasportatur):<br><br>3. Isem, pożizzjoni, indirizz sħiħ tal-konsulent tas-sikurezza (għal modi tat-trasport intern biss u jekk huma differenti |

| | |
|---|---|
| | minn 1 jew 2):<br><br>4. Isem, pożizzjoni u indirizz sħiħ tal-persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Protezzjoni mir-Radjazzjoni jekk tkun differenti minn 1 jew 2 jew 3. |

2. NATURA TAT-TRASPORT:

| PARTI A | PARTI B |
|---|---|
| TRIQ<br>FERROVIJA<br>ILMIJIET NAVIGABBLI INTERNI | 1 Persunal involut u mħarreġ għat-trasport (informazzjoni)<br><br>1 sa 5<br>5 sa 10<br>10 sa 20<br>>20<br><br>2 Settur tal-attività tat-trasport: deskrizzjoni ġenerali tan-natura tal-attivitajiet tat-trasport li għandhom jitwettqu (informazzjoni)<br><br>użu mediku<br>użu industrijali, użu f'ittestjar mhux distruttiv, riċerka<br>użu f'ċiklu tal-fjuwil nukleari<br>skart<br>oġġetti perikolużi ta' konsegwenzi għoljin - materjal radjuattiv. |

3. KOPERTURA ĠEOGRAFIKA

Jekk jogħġbok immarka fil-lista ta' hawn taħt dawk l-Istati Membri li fihom huwa ppjanat li jiġi ttrasportat il-materjal radjuattiv u agħżel in-natura tal-attività

| Jekk l-attivitajiet huma wkoll immobbilizzati fl-Istati Membri għajr l-Istati Membri fejn issir l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, jekk jogħġbok ipprovdi dettalji aktar speċifiċi għal kull pajjiż, jiġifieri tranżitu biss, jew postijiet ewlenin ta' tagħbien/ħatt fil-pajjiż partikolari, frekwenza: | |
|---|---|
| PARTI A | PARTI B |
| L-Awstrija<br><br>Il-Belġju<br><br>Il-Bulgarija<br><br>Ċipru | tranżitu<br>ħatt<br>tagħbien<br><br>postijiet ewlenin tat-tagħbien:<br><br>postijiet ewlenin tal-ħatt: |

| | |
|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka<br><br>Id-Danimarka<br><br>L-Estonja<br><br>Il-Finlandja<br><br>Franza<br><br>Il-Ġermanja<br><br>Il-Greċja<br><br>L-Ungerija<br><br>L-Irlanda<br><br>L-Italja<br><br>Il-Latvja<br><br>Il-Litwanja<br><br>Il-Lussemburgu<br><br>Malta<br><br>Il-Pajjiżi l-Baxxi<br><br>Il-Polanja<br><br>Il-Portugall<br><br>Ir-Rumanija<br><br>Is-Slovakkja<br><br>Is-Slovenja<br><br>Spanja<br><br>L-Isvezja<br><br>Ir-Renju Unit | frekwenza:<br><br>kuljum<br><br>kull ġimgħa<br>kull xahar<br>inqas frekwenti |

4. TIP TA' KUNSINNI

Reġistrazzjoni ntalbet għal:

| | |
|---|---|
| PARTI A<br><br>TIP TA' PAKKETT – Klassifikazzjoni skont | PARTI B: Għadd stmat ta' pakketti /sena |

| it-TS-R-1 | |
|---|---|
| NU 2908 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TA’ EĊĊEZZJONI — PAKKETT VOJT<br><br>NU 2909 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TA’ EĊĊEZZJONI — OĠĠETTI MANIFATTURATI MINN URANJU NATURALI jew URANJU MFAQQAR jew TORJU NATURALI<br><br>NU 2910 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TA’ EĊĊEZZJONI — KWANTITÀ LIMITATA TA’ MATERJAL<br><br>NU 2911 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TA’ EĊĊEZZJONI — STRUMENTI jew OĠĠETTI<br><br>NU 2912 MATERJAL RADJUATTIV, ATTIVITÀ SPEĊIFIKA BAXXA (LSA-I), mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni<br><br>NU 2913 MATERJAL RADJUATTIV, OĠĠETTI B’WIĊĊ KONTAMINAT (SCO-I jew SCO-II), mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni<br><br>NU 2915 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TAT-TIP A, mingħajr forma speċjali, mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni<br><br>NU 2916 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TAT-TIP B(U), mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni<br><br>NU 2917 MATERJAL RADJUATTIV, PAKKETT TAT-TIP B(M), mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni<br><br>NU 2919 MATERJAL RADJUATTIV, TRASPORTAT TAĦT FTEHIM SPEĊJALI, mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni<br><br>NU 2977 MATERJAL RADJUATTIV, EŻAFLUWORUR TAL-URANJU, FISSILI<br><br>NU 2978 MATERJAL RADJUATTIV, EŻAFLUWORUR TAL-URANJU, mhux fissili jew fissili ta’ eċċezzjoni | |

| | |
|---|---|
